# QORTI KRIMINALI

Onor. Imhallef Giovanni M.Grixti LL.M., LL.D.

**Att ta' Akkuza numru 15/2017**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**kontra**

***Omissis***

Illum, 10 ta' Dicembru, 2018

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi *Omissis* detentur tal-karta tal-Identita' xxx, fejn l-Avukat Generali premetta :

1. Circa fis-sena Elfejn u Sebgħa (2007) l-akkużat **Omissis**, dak iż-żmien żagħżugħ ta' ħmistax (15)-il sena, beda relazzjoni ma' ċerta Omissis 2, tfajla ta' mparu. Wara xi tliet snin joħorġu flimkien, il-familja ta' Omissis 2 aċċettaw li l-akkużat **Omissis** jmur jgħix magħhom fir-residenza tagħhom: *XXX*;

ILLI fit-Tnax (12) ta' Diċembru tas-sena Elfejn u Ħdax (2011), l-akkużat **Omissis** u Omissis 2 kellhom tifel: Omissis 1;

ILLI l-problemi fir-relazzjoni bejn l-akkużat **Omissis** u Omissis 2 bdew minn kmieni, saħansitra minn qabel it-twelid ta' Omissis 1 , pero' maż-żmien aktar iggravaw, tant li Omissis 2 ħasset li kellha ttemm ir-relazzjoni ta' bejniethom;

ILLI l-akkużat **Omissis** qatt ma aċċetta l-fatt li Omissis 2 kienet telqitu u ta' sikwit kien jgħidilha u jheddidha li jekk ma kienitx se tkun 'tiegħu', ma kienet se tkun ta' ħadd. Saħansitra meta Omissis 2 kienet teħodlu lit-tifel biex jarah, huwa kien jipprova jagħmel avvanzi sesswali fuqha, u kien jeħodha bi kbira li hi kienet tirrifjutah;

ILLI pero' nhar is-Sittax (16) ta' April tas-sena Elfejn u Ħmistax (2015), l-akkużat **Omissis** iddeċieda li la Omissis 2 kienet telqitu u ma riedet ikollha xejn x'taqsam miegħu, wisq u wisq anqas b'mod sesswali, huwa kien ser jimponi ruħu fuqha u jkollu x'jaqsam magħha sesswalment bil-forza;

ILLI għaldaqstant, għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs) ta' dakinhar tas-Sittax (16) ta' April tas-sena Elfejn u Ħmistax (2015), l-akkużat **Omissis** erħiela lejn il-blokka ta' appartamenti: XXX, fejn, f'appartament numru Tmienja (8), kienet tgħix Omissis

2 mal-ġenituri tagħha, daħal mill-bieb tal-komun tal-blokka, tela' sa fuq il-bejt, u minn fuq il-bejt iddendel minn ġox-*shaft* għal ġot-tieqa tal-kamra tal-banju ta' l-appartament tal-ġenituri ta' Omissis 2 , li huwa l-appartament fis-sular ta' fuq nett tal-blokka;

ILLI *una volta* aċċeda ġewwa l-appartament in kwistjoni, huwa mar jistaħba ġewwa l-kamra tas-sodda tal-ġenituri ta' Omissis 2 . Waqt li kien mistoħbi hemmhekk huwa sema' lil Omissis 2 titkellem fuq it-telefon ċellulari tagħha mal-*boyfriend* il-ġdid tagħha, ċertu Omissis 3 magħruf bħala *Omissis 3,* fejn, inċidentalment kienu qegħdin jiftehemu biex iqattgħu serata flimkien. L-akkużat **Omissis**, biex tabilħaqq jivvendika ruħu minn Omissis 2 u jissoddisfa l-*ego* tiegħu, iddeċieda li jimponi ruħu fuq Omissis 2 u jistupraha proprju fil-mument li hija kienet qegħdha titkellem mal-*boyfriend* tagħha;

ILLI għalhekk l-akkużat **Omissis** neża' għarwien ħuta, ħareġ minn fejn kien mistoħbi, u ħataf lil Omissis 2 , li, sa dak il-ħin, kienet għadha qegħdha titkellem mal-*boyfriend* tagħha. L-akkuzat **Omissis** imbotta lil Omissis 2 għal fuq is-sodda u beda jżommha kontra l-volonta' tagħha. Imbagħad ħadilha t-telefon ċellulari, tfieh, u beda jipprova jneżżalha ħwejjiġha. Minkejja l-għajjat u r-reżistenza kontinwa ta' Omissis 2, l-akkuzat **Omissis** irnexxielu jneżżalha l-qalziet u l-qalziet ta' taħt, fejn, għall-ewwel mess u ppenetra l-parti ġenitali tagħha b'subgħajh, imbagħad intefa' fuqha u stupraha, u cioe' kellu konġunġiment karnali magħha kontra l-volonta' tagħha, billi ppenetra l-parti ġenitali tagħha permezz tal-parti ġenitali tiegħu, u dan addirittura sakemm ġab l-isperma ġewwa l-parti ġenitali ta' Omissis 2 ;

ILLI malli lesta minn dan l-istupru moqżież, l-akkuzat **Omissis** ħasel idejh, libes ħwejjġu, u telaq 'l barra mill-appartament. Pero' qabel ma telaq hedded lil Omissis 2 li jekk kienet ser titkellem jew tirrappurtah lill-Pulizija dwar dak li kien għadu kemm għamlilha, kemm hi kif ukoll il-*boyfriend* tagħha kienu ser jispiċċaw ħażin;

ILLI dan l-istupru huwa wieħed aggravat ai termini tal-liġi *stante* li ġie kommess fuq persuna li għandha tarbija in komuni ma' l-akkużat kif ukoll illi kienet tgħix ma' l-akkużat matul il-perjodu ta' sena qabel ir-reat;

ILLI permezz ta' sentenza tas-26 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet: *Il-Pulizija (Spettur Joseph Agius) vs Omissis* (*per* Maġ. Dr. Neville Camilleri LL.D.), l-akkuzat **Omissis** kien instab ħati ta' delitt u ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija għal perjodu ta' sentejn (2), liema piena ġiet sospiża għal perjodu ta' erbgħa (4) snin ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant id-delitt mertu ta' dan il-Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża ġie kommess mill-akkuzat **Omissis** waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża. Fatt li jrendi wkoll lill-akkuzat **Omissis** bħala reċidiv.

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Omissis** sar ħati ta' stupru vjolent aggravat, u ċioe' talli nhar is-Sittax (16) ta' April tas-sena Elfejn u Ħmistax (2015), f'xi ħin wara d-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs), ġewwa l-fond *XXX*, Malta, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor (Omissis 2 ), b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess fuq persuna li għandha tarbija in komuni ma' l-akkużat kif ukoll illi kienet tgħix ma' l-akkużat matul il-perjodu ta' sena qabel ir-reat;

ILLI *di piu',* l-akkużat **Omissis** ikkommetta dan l-istupru vjolent fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża datata 26 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet: *Il-Pulizija (Spettur Joseph Agius) vs Omissis* (*per* Maġ. Dr. Neville Camilleri LL.D.), fejn l-akkuzat **Omissis** kien ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija għal perjodu ta' sentejn (2), liema piena ġiet sospiża għal perjodu ta' erbgħa (4) snin ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll illi rrenda ruħu reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Omissis**, reċidiv f'delitt, ħati ta' stupru vjolent aggravat, u ċioe' talli nhar is-Sittax (16) ta' April tas-sena Elfejn u Ħmistax (2015), f'xi ħin wara d-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs), ġewwa l-fond *XXX*, Malta, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor (Omissis 2), b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess fuq persuna li għandha tarbija in komuni ma' l-akkużat kif ukoll illi kienet tgħix ma' l-akkużat matul il-perjodu ta' sena qabel ir-reat;

Jakkużah ukoll li kkommetta dan l-istupru vjolent fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża tas-26 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet: *Il-Pulizija (Spettur Joseph Agius) vs Omissis* (*per* Maġ. Dr. Neville Camilleri LL.D.), fejn l-akkuzat **Omissis** kien ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija għal perjodu ta' sentejn (2), liema piena ġiet sospiża għal perjodu ta' erbgħa (4) snin ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll illi rrenda ruħu reċidiv.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Omissis** u illi huwa jiġi kkundannat għall-**piena ta' priġunerija minn ħames (5) snin sa tletin (30) sena**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 28B, 31, 49, 50, 198, 202(h)(iv)(v), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

***Di piu'*** jitlob ukoll illi l-imsemmi akkużat **Omissis** jkun trattat dwar is-sentenza sospiża tas-26 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet: *Il-Pulizija (Spettur Joseph Agius) vs Omissis* (*per* Maġ. Dr. Neville Camilleri LL.D.), fejn l-akkuzat **Omissis** kien ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija għal **perjodu ta' sentejn (2)** (liema piena ġiet sospiża għal perjodu ta' erbgħa (4) snin ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta).

2. ILLI fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-Ewwel (1) Kap ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe' nhar is-Sittax (16) ta' April tas-sena Elfejn u Ħmistax (2015), għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs), l-akkużat **Omissis** erħiela lejn il-blokka ta' appartamenti: *XXX* fejn, f'appartament numru Tmienja (8), kienet tgħix l-ex sieħba tiegħu Omissis 2 mal-ġenituri tagħha. Huwa daħal mill-bieb tal-komun tal-blokka, tela' sa fuq il-bejt, u minn fuq il-bejt iddendel minn ġox-*shaft* għal ġot-tieqa tal-kamra tal-banju ta' l-appartament tal-ġenituri ta' Omissis 2 , li huwa l-appartament fis-sular ta' fuq nett tal-blokka. *Una volta* ġewwa l-appartament in kwistjoni, huwa mar jistaħba ġewwa l-kamra tas-sodda tal-ġenituri ta' Omissis 2 jistenna l-mument propizju biex jarresta, jżomm, u

jissekwestra lil Omissis 2  sabiex ikun jista' jistupraha kontra l-volonta' tagħha;

ILLI għalhekk l-akkużat **Omissis** neża' għarwien ħuta, ħareġ minn fejn kien mistoħbi, ħataf lil Omissis 2  u imbottaha għal fuq is-sodda. Hemmhekk arrestaha, żammha, u ssekwestraha kontra l-volonta' tagħha sabiex iġegħlha tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha. Fil-fatt, waqt li kien qiegħed jarresta, jżomm, u jissekwestra lil Omissis 2  kontra l-volonta' tagħha, l-akkużat **Omissis** neżżalha l-qalziet u l-qalziet ta' taħt, fejn, għall-ewwel mess u ppenetra l-parti ġenitali tagħha b'subgħajh, imbagħad intefa' fuqha u stupraha, u cioe' kellu konġunġiment karnali magħha kontra l-volonta' tagħha, billi ppenetra l-parti ġenitali tagħha permezz tal-parti ġenitali tiegħu, u dan addirittura sakemm ġab l-isperma ġewwa l-parti ġenitali ta' Omissis 2 ;

ILLI l-akkużat **Omissis** ma kellu ebda ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti u lanqas kellu s-setgħa bil-liġi li jarresta, jżomm, jew jissekwestra lil Omissis 2  kontra l-volonta' tagħha;

ILLI permezz ta' sentenza tas-26 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet: *Il-Pulizija (Spettur Joseph Agius) vs Omissis* (*per* Maġ. Dr. Neville Camilleri LL.D.), l-akkuzat **Omissis** kien instab ħati ta' delitt u ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija għal perjodu ta' sentejn (2), liema piena ġiet sospiża għal perjodu ta' erbgħa (4) snin ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant id-delitt mertu ta' dan il-Kap ta' dan l-Att ta' Akkuża ġie kommess mill-akkuzat **Omissis** waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiża. Fatt li jrendi wkoll lill-akkuzat **Omissis** bħala reċidiv.

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Omissis** sar ħati talli nhar is-Sittax (16) ta' April tas-sena Elfejn u Ħmistax (2015), f'xi ħin wara d-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs), ġewwa l-fond *XXX* Malta, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm, jew issekwestra persuna (Omissis 2 ) kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi dan id-delitt sar bħala mezz biex persuna (Omissis 2 ) tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha.

ILLI *di piu',* l-akkużat **Omissis** ikkommetta dan ir-reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża datata 26 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet: *Il-Pulizija (Spettur Joseph Agius) vs Omissis* (*per* Maġ. Dr. Neville Camilleri LL.D.), fejn l-akkuzat **Omissis** kien ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija għal perjodu ta' sentejn (2), liema piena ġiet sospiża għal perjodu ta' erbgħa (4) snin ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll illi rrenda ruħu reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubbklika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Omissis**, reċidiv f'delitt, ħati talli nhar is-Sittax (16) ta' April tas-sena Elfejn u Ħmistax (2015), f'xi ħin wara d-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs), ġewwa l-fond *XXX*, Malta, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm, jew issekwestra persuna (Omissis 2 ) kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi dan id-delitt sar bħala mezz biex persuna (Omissis 2 ) tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha.

Jakkużah ukoll li kkommetta dan ir-reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża tas-26 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet: *Il-Pulizija (Spettur Joseph Agius) vs Omissis* (*per* Maġ. Dr. Neville Camilleri LL.D.), fejn l-akkuzat **Omissis** kien ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija għal perjodu ta' sentejn (2), liema piena ġiet sospiża għal perjodu ta' erbgħa (4) snin ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll illi rrenda ruħu reċidiv.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Omissis** u illi huwa jiġi kkundannat għall-**piena ta' priġunerija minn tlettax (13)-il xahar sa erba' (4) snin**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 28B, 31, 49, 50, 86, 87(1)(ġ), 383, 384, 385, 412Ċ, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

***Di piu'*** jitlob ukoll illi l-imsemmi akkużat **Omissis** jiġi trattat dwar is-sentenza sospiża tas-26 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet: *Il-Pulizija (Spettur Joseph Agius) vs Omissis* (*per* Maġ. Dr. Neville Camilleri LL.D.), fejn l-akkuzat **Omissis** kien ġie kkundannat għal piena ta' priġunerija għal **perjodu ta' sentejn (2)** (liema piena ġiet sospiża għal perjodu ta' erbgħa (4) snin ai termini ta' l-Artikolu 28A tal-Kap. IX tal-Liġijiet ta' Malta).

3. ILLI fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fl-Ewwel żewġ (2) kapi ta' dan l-Att ta'Akkuża, u ċioe' nhar is-Sittax (16) ta' April tas-sena Elfejn u Ħmistax (2015), għall-ħabta tad-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs), l-akkużat **Omissis** erħiela lejn il-blokka ta' appartamenti: *XXX*, fejn, f'appartament numru Tmienja (8), kienet

tgħix l-ex sieħba tiegħu Omissis 2  mal-ġenituri tagħha. Huwa mar hemmhekk sabiex jissekwestra lil Omissis 2  kontra l-volonta' tagħha u jistupraha.;

ILLI l-akkużat **Omissis** la kien mistenni, la kien mistieden, u wisq u wisq anqas kien mixtieq fir-residenza ta' Omissis 2 . Għalhekk huwa daħal mill-bieb tal-komun tal-blokka, tela' sa fuq il-bejt, u minn fuq il-bejt iddendel minn ġox-*shaft* għal ġot-tieqa tal-kamra tal-banju ta' l-appartament fejn kienet tabita Omissis 2 , li huwa l-appartament fis-sular ta' fuq nett tal-blokka. B'hekk huwa kiseb aċċess illeċitu għall-proprjeta' msemmija, kontra r-rieda jew il-kunsens tas-sidien u/jew l-abitanti, u kwindi bi vjolazzjoni ta' l-istess proprjeta', sabiex huwa jkun f'pożizzjoni li jarresta, jżomm, u jissekwestra lil Omissis 2  sabiex ikun jista' jistupraha kontra l-volonta' tagħha;

ILLI permezz ta' sentenza tas-26 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet: *Il-Pulizija (Spettur Joseph Agius) vs Omissis* (*per* Maġ. Dr. Neville Camilleri LL.D.), l-akkuzat **Omissis** kien instab ħati ta' delitt, u kwindi huwa reċidiv.

ILLI għalhekk, b'għemilu, l-akkużat **Omissis** sar ħati talli nhar is-Sittax (16) ta' April tas-sena Elfejn u Ħmistax (2015), f'xi ħin wara d-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs), bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, għamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta' ta' ħaddieħor, u ċioe' l-fond *XXX*, Malta.

ILLI permezz ta' sentenza tas-26 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet: *Il-Pulizija (Spettur Joseph Agius) vs Omissis* (*per* Maġ. Dr. Neville Camilleri LL.D.), l-akkuzat **Omissis** kien instab ħati ta' delitt, u kwindi huwa reċidiv.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi **Omissis**, reċidiv f'delitt, ħati talli nhar is-Sittax (16) ta' April tas-sena Elfejn u Ħmistax (2015), f'xi ħin wara d-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs), bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, għamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta' ta' ħaddieħor, u ċioe' l-fond *XXX*, Malta, kif ukoll illi rrenda ruħu reċidiv.

Konsegwentement l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat **Omissis** u illi huwa jiġi kkundannat għal **multa ta' mhux anqas minn tlieta u għoxrin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29) u mhux aktar minn elf mija u erbgħa u sittin Ewro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69), jew piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tliet (3) xhur**, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 11(1), 17, 31(1)(ġ), 49, 50, 340(d) u 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skond il-Liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

Rat l-atti kollha processwali, inkluz dawk tal-kumpilazzjoni quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja;

Rat ir-rikors kongunt tal-Avukat Generali u tal-akkuzat Omissis prezentat fis-seduta tallum li bih, filwaqt li ddikjaraw li qeghdin jaqblu fit-termini tal-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali, talbu lil din l-Onorabbli Qorti illi fl-eventwalita' li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkuzat Omissis ghall-akkuzi migjuba kontrih fit-tliet (3) Kapi tal-Att tal-Akkuza fl-ismijiet fuq premessi, il-piena li ghandha tkun inflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti

ghandha tkun wahda ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' sitt (6) snin flimkien ma' multa ta'  hames mitt Ewro (€500).

Illi inoltre ghandha wkoll tingieb fis-sehh is-sentenza sospiza ta' sentejn prigunerija moghtija fil-konfront tal-akkuzat Omissis nhar is-26 ta' Novembru, 2012 fil-kawza fl-ismijiet *Il-Pulizija (Spettur Joseph Agius) vs Omissis* (per Mag. Dr Neville Camilleri LL.D.).

Ghaldaqstant il-partijiet qablu li l-piena kumplessiva li ghandha tkun nflitta fuq l-akkuzat Omissis minn din l-Onorabbli Qorti ghanha tkun wahda ta' prigunerija effettiva ghal perjodu ta' tmien (8) snin flimkien ma' multa ta' hames mitt Ewro (€500).  Dan oltre l-hlas ta' spejjez peritali u kwalsiasi sanzjoni u/jew konsegwenza ohra konsegwenzjali ghad-dikjarazzjoni u sejbien ta' htija ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi fl-udjenza tallum 10 ta' Dicembru, 2018 l-akkuzat Omissis mistoqsi kif iwiegeb ghall-Att tal-Akkuza wiegeb billi stqarr illi huwa hati tar-reati dedotti kontrih;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzat Omissis b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba u taghtu zmien biex jerga' lura minnha, kif obbligata li taghmel skont l-artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-akkuzat wara li ddikjara li fehem l-akkuzi migjuba kontra tieghu u li jaf dwar il-pieni marbuta ma' dawn l-akkuzi, baqa' jtenni l-ammissjoni tieghu;

Ikkunsidrat :

Illi in vista tal-ammissjoni tal-akkuzat Omissis ghal kull kap tal-akkuza dedotti kontra tieghu, din il-Qorti qed tiddikjara lil Omissis hati tat-tliet kapi tal-akkuza, jigifieri li:

1. Ikkommetta stupru vjolent aggravat, u ċioe' talli nhar is-Sittax (16) ta' April tas-sena Elfejn u Ħmistax (2015), f'xi ħin wara d-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs), ġewwa l-fond *XXX*, Malta, bil-vjolenza, ikkommetta stupru fuq il-persuna tas-sess il-wieħed jew l-ieħor (Omissis 2 ), b'dana illi dan l-istupru huwa wieħed aggravat *stante* li ġie kommess fuq persuna li għandha tarbija in komuni ma' l-akkużat kif ukoll illi kienet tgħix ma' l-akkużat matul il-perjodu ta' sena qabel ir-reat;

2. Nhar is-Sittax (16) ta' April tas-sena Elfejn u Ħmistax (2015), f'xi ħin wara d-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs), ġewwa l-fond *XXX* Malta, bla ordni skont il-liġi tal-awtorita' kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm, jew issekwestra persuna (Omissis 2 ) kontra l-volonta' tagħha, b'dana illi dan id-delitt sar bħala mezz biex persuna (Omissis 2 ) tiġi mġiegħla tagħmel xi ħaġa jew toqgħod għal xi ħaġa li toffendi l-mistħija tas-sess tagħha; u

3. Nhar is-Sittax (16) ta' April tas-sena Elfejn u Ħmistax (2015), f'xi ħin wara d-disgħa ta' filgħodu (09:00hrs), bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, għamel vjolazzjoni kontra l-proprjeta' ta' ħaddieħor, u ċioe' l-fond *XXX*, Malta.

In oltre tiddikjarah recidiv fit-terminital-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti thoss li ghandha f'dan il-kaz partikolari taderixxi ghat-talba konguntiva maghmula skont l-artikolu 453A(1) tal-Kodici Kriminali fil-konfront ta' Omissis, u konsegwentement wara li rat l-artikoli 17, 198, 202(h)(iv)(v), 86, 87(1g), 340(d), 28B, 49, 50 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta u l-fedina penali tal-akkuzat, qed tikkundanna lil Omissis ghal terminu ta' prigunerija effettiva ta' sitt snin (6) snin, flimkien ma' multa ta' hames mitt Ewro (€500) ghat-tlett kapi ta' akkuzi li taghhom instab hati. Inoltre, qed iddahhal fis-sehh t-terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) impost fuq l-akkuzat, liema terminu kien sospiz ghal erba' snin fit-termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali b'sentenza tas-26 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet: *Il-Pulizija (Spettur Joseph Agius) vs Omissis* (*per* Maġ. Dr. Neville Camilleri LL.D.) u ghalhekk il-hati qed ikun ikkundannat ghal-prigunerija f'total ta' tmien snin u ghal-multa ta' hames mitt euro (€500);

Il-Qorti qed tikkundanna ukoll lill-hati ihallas s-somma ta' elf, sitt mija u tmienja w erbghin Ewro u disgha u tmenin centezmu (€1,648.89) bhala spejjez peritali ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap. 9;